

21998D0507(08)

L 134/10

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

7.5.1998

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE****Nru 81/97****tat-12 ta' Novembru 1997****li temenda l-Anness IV (L-Enerġija) tal-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat mill-Protokoll li Jaġġusta ż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem msejjaħ il-Ftehim, u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi l-Anness IV tal-Ftehim kien emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 49/97 ta' l-10 ta' Lulju 1997 <sup>(1)</sup>;

Billi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/8/KE ta' l-20 ta' Diċembru 1996 tħassar id-Direttiva 75/405/KEE dwar ir-restrizzjoni fuq l-użu tal-prodotti tal-pitrolju fil-bini fejn ikun iġġenerat l-elettriku <sup>(2)</sup>;

Billi, għalhekk, id-Direttiva tal-Kunsill 75/405/KEE ta' l-14 ta' April 1975 dwar ir-restrizzjoni fuq l-użu tal-prodotti tal-pitrolju fil-binjiet fejn ikun iġġenerat l-elettriku <sup>(3)</sup> għandha tkun imħassra mill-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

It-test tal-punt 2 (id-Direttiva tal-Kunsill 75/405/KEE) għandu jkun imħassar.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-13 ta' Novembru 1997, iżda n-notifikazzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għandhom ikunu magħmula lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussel, fit-12 ta' Novembru 1997.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

E. BULL

<sup>(1)</sup> ĠU L 290, tat-23.10.1997, p. 35.

<sup>(2)</sup> ĠU L 3, tas-7.1.1997, p. 7.

<sup>(3)</sup> ĠU L 178, tad-9.7.1975, p. 26.